sodda biex mal-lejl jivgahom u jisirqilhom il-mifles li ħallielhom missierhom u li bir-renta u bl-istink tagħhom kattruh għal darbtejn jew tlieta; iż-żewġ sbirri u l-ieħor sħabhom, bil-għajnuna wkoll tas-Sottospettur, ħatfu f' chemm ili ngħidlek lill-ħalliel, karkruh lejn il-Kastell u l-għada immanettjat niżżluh Xambre u parpruh lewt lewt lejn Malta fuq dgħajsa tal-pass ta' Pupul tal-Firilla; sat-tlieta kien taħt l-imfietaħ tal-Klistanija.

U Sika ?

—Miniex miġnuna... Sika qalet lil Grezz !

Trid tara 'l Grezz imqabbda f'Sika tgħannaqha u tbusha !

U Sika bil-għaqal ta' rasha kellha l-ħila teħles mill-mewt hi u lil oħtha Grezzjull.

R. M. B.

# QASSIS ĠDID (*)

SUNETT.

Rasu mżejna bil-ward, dak fommu hieni
sejjaħlek l-Għana : int għaddejt u rfistu :
rażżant ir-Rieda, w bħal Rażul qalbieni
ħaddant ma' sidrek is-salib ta' Kristu.

Tal-Ġilju safi li għożżejt minn kmieni
xterdet il-fwiħa, għax mill-pest ħaristu :
issa qtajt xewqtek : saċerdot għalbieni
messejt bil-jedd l-artal tal-Fidwa w bistu.

Oħroġ issa fil-Qasam ; Alla miegħek.
Għallem, widdeb u wissi b'dik il-ħrara
li kellu wara d-Dawl l-Imgħallem tiegħek.

Ħobb fuq kollox il-Ħaqq u ħobb is-Sewwa :
inti kewbet is-safar ta' l-insara ;
iddi bil-qawwa, imma iżjed bil-ħlewwa.

DUN KARM.

(*) Patri Frangisku M. Pisani O. E. S. A.

# VERBI BIL-*GĦ* FL-AĦĦAR U VERBI NEQSIN

Il-konsonanti *għ* billi aktarx ma tinħassx fit-tiswir tal-kelma (għad li tkun waħda mill-ittri tal-għerq tagħha) drabi iġġiegħel li jsiru ħafna għiltijiet fil-kitba tal-Malti. Xi verbi li l-*mamma* tagħhom inħossuha ta' żewġ konsonanti biss insibuha li jkollha *għ* fl aħħar. Iżda mhux dejjem, għax, bħalma tafu, verb b'żewġ konsonanti jista' jkun verb nieqes, jiġifieri b'*j* jew *w* siekta fl-aħħar Araw :

Iż-żewġ verbi *tafa'* u *tefa* għad li nħossuhom hekk mhumiex magħmula miż-żewġ konsonanti *t* u *f* biss ; ta' l-ewwel għandha l-konsonanti *għ* bħala l-aħħar konsonanti : TaFaGĦ (ara *tafagħna*, *mitfugħ*) u l-oħra l-konsonanti dgħajfa *j* : TeFa(J) (ara : *tfejt*, *mitfi*) : sura ta' verbi, li jissejħu *Neqsin* u *Dgħajfa*.

*Tafagħ* (tafa') hu verb sħiħ bl-aħħar konsonanti *għajn*.

*Tefa* hu verb nieqes.

Ġbart, bi ftit tas-sabar, wieħed wara l-ieħor il-verbi l-iżjed mexxejja ta' dawn iż-żewġ suriet, u issa sejjer inġibhom fir-rivista tagħna bit-tama li jkunu ta' għajnuna lil min irid jitgħallem billi jsibhom f'idejh meta jkun isawwar xi wieħed minn dawn il-verbi.

Fil-kolonna :

(a) issibu l-verb fis-sura ewlenija tiegħu.
(b) il-verb imnissel bli jtenni l-konsonanti tan-nofs tas-sura ewlenija (a).
(c) il-verb imnissel bli jtawwal l-ewwel vokali tas-sura ewlenija (a).
(d) il-verb imnissel bli jżid *n* fil-bidu tas-sura ewlenija (a).
(e) il-verb imnissel bli jżid *t* fil-bidu tas-sura mnissla (b), (c).
(f) il-verb imnissel bli jżid *t* wara l-ewwel konsonanti tas-sura ewlenija (a).
(g) il-verb imnissel bli jżid *st* mal-bidu tas-sura ta' l-Imperattiv.

F. S. CARUANA

FTAKAR li biex issib verb għandek tħares lejn il-*mamma* jiġifieri it-tielet persuna, ġens raġel, għadd wieħed tal-verb fl-imgħoddi.